**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Ivan Portelli**
**V**

**DIONE GALEA**

**Illum 17 ta' Dicembru, 2001.**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **DIONE GALEA** ta’ erbgha w ghoxrin sena, bin John u Rita nee Scicluna, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Mejju, 1976 u joqghod Block 2, Entratura F, Flat 4, Our Saviour Street, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita numru 256276M gie imressaq quddiemha u akkuzat talli nhar d-dsatax ta' Dicembru, 2000 ghall-habta tal-hamsa w nofs ta' wara nofsinhar go 'Auto Link', sitwat fi Triq Pietru Xuereb, Hamrun,

1. kkawza ferita ta' natura gravi (minhabba sfregju fil-wicc) fuq il-persuna ta' Andrew Cassar, detentur tal-karta tal-identita numru 366374M, hekk kif gie ccertifikat minnn Doctor Andrew Scott,

2. talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduti datati tnax ta' Jannar, 1996, sitta w ghoxrin ta' Jannar, 2000 u hamsa ta' Ottubru, 2000, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u

3. talli fl-istess gurnata, hin u lok, b'mod voluntarju, kkaguna hsara fil-fond 'Auto Link', sitwat fi Triq Pietru Xuereb, Hamrun, fl-ammont li ma jeccedix t-tlett mitt lira maltin.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Jannar, 2000, li jinsab esibit f'dan il-process a fol.8 markat bhala dokument CSH.

Semghet il-provi prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubbju li l-imputat dahal fl-istabbiliment maghruf bl-isem 'Auto Link' fil-Hamrun nhar d-dsatax ta' Dicembru, 2000 u hebb ghal Andrew Cassar billi qabad siggu u tefghalulu. Sussegwentement gie fl-idejn ma dan Andrew Cassar tant li Cassar spicca ferut u xi oggetti konsistenti f'ghamara li kienet fl-istabbiliment giet rovinata.

Illi minn ezami tal-istqarrija tal-imputat ppresentata f'dawn l-atti mill-Ex Spettur Ivan Portelli li tinsab a fol 15 markata bhala dokument CSH, jirrizulta li l-imputat mar f'dan l-istabbiliment biex jivverifika jekk l-ex gharusa tieghu certa Abigail kienetx qed tohrog ma certu Andrew u kien lest, kif ex admissis jghid, li jaghtih daqqtejn. Huwa spjiega li agixxa bil-mod minnu indikat ghaliex kien mugugh.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-istima ma gietx kkontestata mill-imputat u li l-ammont tal-hsarat kagjonati minnu jammonta ghal tlett mitt lira maltin.

Illi dwar l-ferita li sofra Andrew Cassar, il-Qorti kienet nnominat lil Doctor Dino Vella Briffa bhala espert fid-Dermatologija sabiex jezaminah u jirrelata dwar l-feriti subiti minnu.  Jirrizulta mix-xhieda li ta dan t-tabib viva voce l-Qorti nhar s-sbatax ta' Mejju, 2001, li l-ferita li tinsab fil-kappell tal-ghajn l-leminija ta' Andrew Cassar, bil-kemm tidher u li fil-fehma tieghu din hija ta' natura hafifa.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat ghandu jinsab hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa u mhux dik kif gie akkuzat biha u cioe talli kkaguna ferita ta' natura gravi u peress li din l-akkuza hija inkorporata fl-akkuza principali u cioe dik ta' ferita ta' natura gravi, il-Qorti tiddikjara li qed ssibu hati ta' l-akkuza ta' ferita ta' natura hafifa fuq Andrew Cassar u tilliberah mill-akkuza li kkaguna ferita ta' natura gravi.

Dwar l-akkuza ta' hsara voluntarja, din tirrizulta wkoll u l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati taghha.

Dwar l-akkuza ta' recidiva, il-Qorti rat li fl-atti odjerni giet esibita sentenza wahda biss u cioe dik li tinsab a fol 46 tal-atti markata bhala dokument CE, liema sentenza nghatat nhar t-tnax ta' Jannar, 1996 mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront ta' Steve Bonnici, Dione sive Spiridione Galea, Tarec Sammut u Noel Pellicano.

Illi fis-sbatax ta' Mejju, 2001, deher is-Supretendent Martin Bayliss, li kkkonferma li huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur fis-sentenza li nghatat nhar t-tnax ta' Jannar, 1996 fil-konfront tal-erbgha akkuzati hawn imsemmija u gharaf lil imputat odjern bhala l-istess Spiridione Galea kontra minn inghatat s-sentenza markata bhala dokument CE. Illi ghalkemm il-Qorti kienet sabitu hati f'din s-sentenza, l-imputat gie liberat bl-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi ghalkemm mill-akkuzi u minn ezami tal-fedina penali tieghu jista jirrizulta li l-imputat kellu kontravenzjonijiet ohra, pero li s-sentenzi ta' htija ma gewx esibiti f'dawn l-atti u molto piu l-identita tieghu ma gietx konfermata fil-konfront tieghu, l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi jigi rilevat li meta Qorti taghti l-provvediment tal-artikolu 9 tal-Kap 152, tfisser li mhiex tal-fehma li ghandha timponi piena u dan ghaliex ordni ta' probation ma hiex piena.

Illi dan r-ragunament gie spjiegat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **The Police v Rhodes Daniel Marcus**. Illi ghalhekk a bazi ta' dan kollu sottomoess, il-Qorti ma tistax ssib lil imputat hati tal-akkuza ta' recidiva.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 216, 221, 325, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat il-fedina penali tal-imputat esibita a fol 10 et seq tal-process markata bhala dokument CSH 2 u jirrizulta li diga ghandu registrat fuqha tmien akkuzi li jittrattaw fuq diversi akkuzi ta' serq, hsara voluntarja, reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u numru ta' kontravenzjonijiet.

Illi l-imputat jidher li nghata diversi cansijiet qabel ma gie moghti piena karcerarja fis-sens li nghata darbtejn ordni ta' probation u fil-kumplament tal-akkuzi nghata multi.

Illi dan nonostante, l-imputat ma tghallimx mill-passat u rega qieghed quddiem il-Qorti akkuzat talli kiser dufrejh mal-ligi.

Ghalkemm il-Qorti tista tifhem li l-imputat kien imweggha li l-ex tfajla tieghu tibda tkellem guvni iehor u li huwa jibqa mugugh ghaliex habba, dan nonostante taht l-ebda cirkostanza ma tiggusxtifika ghemilu.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha timponi fuqu piena karcerarja sospiza sabiex b'hekk t-terminu li ser jinghata lilu jkollu effett ta' mannara fuq ras l-istess imputat li jekk jerga jizbalja u jinstab hati, s-sentenza tieghu ta' prigunerija li qed tinghatalu presenzjalment, tigi resa operattiva.

**Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lil imputat DIONE GALEA ghal piena karcerarja ta' hames xhur sospizi ghal sentejn.**

**Il-Qorti tordna wkoll lil imputat DIONE GALEA jhallas s-somma ta' tlett mitt lira maltin lis-socjeta 'Auto Link' rappresentanti d-danni sofferti minnha skond d-dokument CSH 7 esibita fl-atti.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car is-sinifikat ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha lil imputat.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**